*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Silver Creek Properties SA (Panama, Panama)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Marzu 2009 (Każ R 802/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Accenture Global Services GmbH u Silver Creek Properties SA.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Accenture Global Services GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 193, 15.08.2009.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2010 — PVS vs UASI — MeDiTA Medizinische Kurierdienst (medidata)**

**(Kawża T-270/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva medidata — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti MeDiTA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Xebh bejn is-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 317/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PVS — Privatärztliche Verrechnungsstelle Rhein-Ruhr GmbH (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Lindberg, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: A. Pohlmann, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* MeDiTA Medizinische Kurierdienst- und Handelsgesellschaft mbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schulte-Beckhausen, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Mejju 2009 (Każ R 1724/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn MeDiTA Medizinische Kurierdienst- und Handelsgesellschaft mbH u PVS — Privatärztliche Verrechnungsstelle Rhein-Ruhr GmbH.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *PVS — Privatärztliche Verrechnungsstelle Rhein-Ruhr GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 220, 12.9.2009.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2010 — Rosenruist vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' but b'żewġ kurvi fuqu)**

**(Kawża T-388/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurativa li tirrappreżenta but b'żewġ kurvi fuqu — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2010/C 317/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rosenruist — Gestão e serviços, Lda (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: S. Rizzo u S. González Malabia, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Ġunju 2009 (Każ R 237/2009-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta but b'żewġ kurvi fuqu bħala trade mark figurattiva.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Rosenruist — Gestão e serviços, Lda hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 282, 21.11.2009.